31985R3399

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 3399/85
tat-28 ta' Novembru 1985
dwar l-adattazzjonijiet ta' ċerti regolamenti li jikkonċernaw leġislazzjoni doganali wara s-sħubija ta' Spanja u l-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Sħubija ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolati l-Artikolu 396 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummisjsoni (EEC) Nru 3636/83 [1], kif emendat bir-Regolament (EEC) Nru 795/84 [2], introduċa sorveljanza retrospettiva ta' l-importazzjoni mill-ġdid wara pproċessar il-barra ta' ċerti prodotti tat-tessuti li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi, inkluża Spanja u l-Portugall; billi dan ir-Regolament għandu għalhekk jiġi emendat biex jeskludi r-riimportazzjoni wara pproċessar il-barra ta' prodotti tat-tessuti li joriġinaw fi Spanja u l-Portugall;

Billi numru ta' atti tal-Komunità li jikkonċernaw leġislazzjoni tad-dwana fihom dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' konfermi fl-ilsna uffiċċjali kollha tal-Komunità;

Billi r-Regolamenti li ġejjin għandhom għalhekk jiġu addattati biex jinkludu t-test bl-Ispanjol u l-Portugiż ta' dawn il-konfermi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 223/77 tat-22 ta' Diċembru 1976 dwar dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni fil-Komunità ta' proċeduri ta' passaġġ u għal ċerti simplifikazzjonijiet ta' dik il-proċedura [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1209/85 [4],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 2289/83 tad-29 ta' Lulju 1983 jipprovdi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 70 sa 78 tar-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 918/83 li jwaqqaf sistema tal-Komunità għall-ħelsien mid-dazju tad-dwana [5], kif emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1746/85 [6],

— Ir-Regolament tal-Kummisjoni (EEC) Nru 2290/83 tad-29 ta' Lulju 1983 jipprovdi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 50 sa 59 tar-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 918/83 li jwaqqaf sistema tal-Komunità għall-ħelsien mid-dazju tad-dwana [7], kif emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1745/85 [8],

Billi l-Artikolu 2(3) tat-Trattat tas-Sħubija jipprovdi li l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jistgħu jaddottaw qabel is-sħubija il-miżuri riferiti fl-Artikolu 396 tat-Trattat tas-Sħubija u li dawk il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ biss fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolamenti ċitati hawn taħt huma b'dan emendati kif ġej:

1. Ir-Regolament (EEC) Nru 3636/83:

   (a) it-tmiem tat-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

   "… li jintroduċi sorveljanza b'effett retrospettiv ta'importazzjoni mill-ġdid wara proċessar il-barra ta' ċerti prodotti tat-tessuti li joriġinaw f'Malta, il-Marokk u t-Tunesija";

   (b) l-Anness huwa emendat kif ġej:

   — Kategorija 4: fil-kolonna "Pajjiżi Terzi" il-kelma "il-Portugall" hija mħassra;

   — il-Kategorija 5 hija mħassra;

   — Kategorija 6: fil-kolonna "Pajjiżi Terzi" il-kelma "Spanja" hija mħassra;

   — Kategorija 7: fil-kolonna "Pajjiżi Terzi" il-kelma "il-Portugall" hija mħassra;

   — Kategorija 8: fil-kolonna "Pajjiżi Terzi" il-kelma "il-Portugall" hija mħassra;

2. Ir-Regolament (EEC) Nru 223/77:

   il-konfermi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

   (a) għall-Artikolu 13 ter, paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu:

   "— Expedido a posteriori

   — Emitido a posteriori";

   (b) għall-Artikolu 59, paragrafu 1:

   "— Procedimiento simplificado

   — Procedimento simplificado";

   (ċ) għall-Artikolu 60 bis, paragrafu 2:

   "— Dispensa de firma

   — Dispensada a assinatura";

   (d) għall-Artikolu 61 quinquies, paragrafu 1:

   "— Procedimiento simplificado

   — Procedimento simplificado";

   (e) għall-Artikolu 61 septies, paragrafu 2:

   "— Dispensa de firma

   — Dispensada a assinatura";

   (f) għall-Artikolu 74 paragrafu 1, it-tieni subparagrafu:

   "— Expedido por triplicado

   — Emitido em três exemplares";

[1] ĠU No L 360, tat-23.12.1983, p. 24.
[2] ĠU L 86, tad-29.3.1984, p. 17.
[3] ĠU L 38, tat-2.2.1977, p. 20.
[4] ĠU L 124, tad-19.5.1985, p. 19.
[5] ĠU L 220, tal-11.8.1983, p. 15.
[6] ĠU L 167, tas-27.6.1985, p. 23.
[7] ĠU L 220, tal-11.8.1983, p. 20.
[8] ĠU L 167, tas-27.6.1985, p. 21.

(g) għall-Artikolu 77, paragrafu 2:

"— Procedimiento simplificado

— Procedimento simplificado".

3. Ir-Regolament (KEE) Nru 2289/83:

Għall-Artikolu 3, paragrafu 2, il-konfermi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"— Objeto para personas minusválidas: se mantiene la franquicia subordinada al respeto del artículo 77, apartado 2, segundo párrafo, del Reglamento (CEE) nº 918/83;

— Objectos destinados à pessoas deficientes: é mantida a fraquia desde que seja respeitatdo o n.°. 2, segundo parágrafo do artigo 77.°. do Regulamento (CEE) n.°. 918/83".

4. Ir-Regolament (KEE) Nru 2290/83:

Għall-Artikolu 3, paragrafu 2, il-konfermi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"— Objeto UNESCO: se mantiene la franquicia subordinada al respeto del artículo 57, apartado 2, primer párrafo, del Reglamento (CEE) nº 918/83;

— Objectos UNESCO: é mantida a franquia desde que seja respeitado o n.°. 2, primeiro parágrafo do artigo 57.°. do Regulamento (CEE) n.°. 918/83".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1986 bla ħsara għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Sħubija ta' Spanja u l-Portugall.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 1985.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President